MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2004

Talba Numru. 1100/2003

**Middle Sea Insurance Plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Gaetan Mallia, u l-istess Gaetan Mallia**

**Vs**

**Roderick Carabott**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu l-hlas ta’ Lm324.72c (tlett mija w erbgha u ghoxrin lira Maltin u tnejn u sebghin centezmu) rapprezentanti danni f’incident awtomobilistiku bejn il-vettura BAB 143 proprjeta’ ta’ Gaetan Mallia u l-vettura tal-konvenut RIC 079 ghal liema ncident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba mprudenza, mperizja, negligenza w inosservanza tar-regolamenti.

Ra r-Risposta fejn il-konvenut ammetta r-responsabbilta' ghall-incident imsemmi filwaqt li kkontesta l-*quantum* tad-danni mitluba mis-socjeta' attrici.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra x-xhieda ta' John Lentini li huwa Claims Manager mas-socjeta' All Care agenti tal-Middle Sea Insurance fejn esebixxa d-dokumenti annessi ma' l-istess kawza kif ukoll ikkonferma l-ammont tad-danni. L-ircevuti gew esebiti u jidhru ragunevoli.

Ra illi l-konvenut naqas milli jipproduci provi u naqas milli jmur il-Qorti.

Ra illi l-konvenut ammetta r-responsabbilta' ghall-incident.

Ghaldaqstant jilqa' t-talba ta' l-atturi u jordna lill-konvenut sabiex ihallas is-somma ta' Lm324.72c (tlett mija w erbgha u ghoxrin lira Maltin u tnejn u sebghin centezmu) bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-Ittra Ufficjali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------